# U JIENA FRAĦT.....

*Kienet sabiħa: l-warda taż-żgħużija*
*Tiftaħ, tlewwen u tidħak fuq ħaddejha:*
*Maqtugħa tajjeb; ftit u xejn qawwija:*
*Mixjitha turi s-saħħa ta' riġlejha.*

*Il-lbies ħafif ma kellu ebda ħtija*
*ta' għajb jew frugħa, rżin sa fuq minkbejha:*
*Fi kliemha ħelwa; ħarsitha mistħija,*
*Għad li kien hemm bħal xrar fi ħbub għajnejha.*

*Daħlet il-knisja, u jiena fhimt li ħsiebha*
*Kien wieħed biss, Ġesù: is-salib tiegħu*
*Raddet u żeġġet għal daqsxejn ta' biebha.*

*Għaxxqitni, ngħid id-dritt, sura hekk għaqlija,*
*Għax il-ġmiel jirbaħ, 'kk l-għaqal jimxi miegħu:*
*U jiena fraħt, għax rajt xebba Maltija.*

DUN KARM.